**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 80/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmel Cauchi**

Illum, 24 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Carmel Cauchi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 636163(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, nhar il-5 ta' Jannar 2016, bejn 6:00 hrs u 10:00hrs, fi Triq tal-Labour, Naxxar u/jew bandi oħra f'dawn il-Gzejjer:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAF-300 ikkaġuna l-mewt ta' Joanna Boni.
2. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qed isuq vettura ta' registrazzjoni DAF-300, ikkaġuna xi ħsara jew għarraq xi ħaġa u ċioe' vettura tal-għamla Kawasaki ER-6N bi numru ta' reġistrazzjoni JBV-308 għad-dannu ta' Joanna Boni u/jew persuni oħra, fejn minħabba f'hekk seħħet il-mewt ta' Joanna Boni.

3. Saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAF-3600 b'manjiera bla kont, traskurata jew perikoluza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 225, 328(1), 49, 50, 289, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Carmel Cauchi mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u lliberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fl-10 ta' April 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat Carmel Cauchi ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah għal piena skond il-Liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ntentat, l-Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddeċidiet li tiskarta d-deposizzjoni mogħtija mill-appellat lill-espert nominat fl-inkjesta. L-Avukat Ġenerali jistrieħ fuq diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati u jisħaq li fil-każ odjern, l-appellat ma kienx persuna vulnerabbli jew minorenni u kien ikkonsulta ma' avukat qabel offra l-verzjoni tal-fatti tiegħu. Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali jikkontendi li l-Ewwel Qorti kienet errata meta skartat għal kollox l-verzjoni tal-appellat.

Illi, minn eżami tal-atti jirriżulta li hemm żewġ verżjonijiet tal-fatti mogħtija mill-appellat Carmel Cauchi dwar l-akkadut, l-ewwel waħda lill-Pulizija *a tempo vergine*, u it-tieni verżjoni fl-inkjesta maġisterjali quddiem il-Perit Tekniku Mario Buttigieg nhar il-5 ta' Jannar 2016, din ta'l-aħħar bil-ġurament. Mir-rapport tal-istess Perit Tekniku

jidher illi l-appellant kien mogħti id-debita twissija skont il-liġi qabel kien mitkellem mill-espert:

> **"Wara li l-esponent wissa lil Carmelo Cauchi bi dritt tiegħu li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu a priori tal-investigazzjoni u wara li ġie mwissi bid-dritt tiegħu mogħti bil-liġi illi kellu dritt li ma jweġibx domandi li setgħu b'xi mod jinkriminawh u wara li ġie mogħti l-ġurament bil-Malti ..."**

Illi, wara li seħħ dan appena mniżżel, l-appellat għadda sabiex jagħti l-verzjoni tiegħu tal-fatti taħt ġurament u finalment huwa anke għażel li jiffirma tali depożizzjoni.

Illi li fil-5 ta' Jannar tas-sena 2016, l-appellat kellu jedd għal assistenza legali <u>qabel</u> l-interrogazzjoni, u dana kif hemm imfassal fl-Att III tal-2002 li daħal fis-seħħ nhar l-10 ta' Frar tas-sena 2010 fejn ġie stipulat li "**il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu.**" Bl-Att LI tal-2016, imbagħad, daħal fil-liġi penali il-jedd li persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat ikollha avukat tal-fiduċja tagħha preżenti flimkien magħha waqt l-interrogatorju.

Illi, ebda jedd iżda ma kien mogħti lill-appellat meta kien mitkellem mill-Pulizija hekk kif seħħ s-sinistru stradali u kwindi dak li huwa seta' qal mingħajr ma ngħata ebda forma ta' assistenza legali f'mument meta seta' jinkrimina lilu nnifsu għandu jkun imwarrab. Dan għaliex ma hemm indikat imkien li qabel tali dikjarazzjoni huwa ingħata l-kawteli meħtieġa skond il-liġi viġenti f'dak iz-zmien u għaldaqstant huwa evidenti li tali dikjarazzjoni għandha tkun skartata fl-intier tagħha. L-istess ma jistax jingħad pero' fir-rigward tax-xiehda ta'l-appellat mogħtija bil-ġurament quddiem l-espert Buttigieg. Huwa nkontestat li dakinhar tal-5 ta' Jannar 2016, l-appellat filfatt ingħata d-dritt għall-assistenza legali hekk kif kien viġenti fil-Liġi ta' dak iz-zmien kif ukoll ingħata diversi drittijiet oħra naxxenti mill-liġi fosthom id-dritt tas-silenzju. *In oltre*, jirriżulta illi l-appellat filfatt kellem lill-avukat tal-fiduċja tiegħu qabel l-

interrogazzjoni u wara li rrilaxxja d-depozizzjoni tiegħu, li kienet waħda pjuttost dettaljata, saħansitra għazel li jiffirma l-istess. Din l-Qorti tagħmel tagħha l-każistika kopjuża ċċitata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza mpunjata, iżda tinnota illi minn dak iż-żmien tal-prolazzjoni tas-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali qed tidderiġi il-qrati ta' ġurisdizzjoni penali sabiex meta jiġu biex iqiesu jekk stqarrija tal-persuna akkużata għandiex valur probatorju, meta dik il-persuna ma kellhiex avukat preżenti magħha qed tassistieha, għandhom jivvalutaw din l-evidenza fid-dawl tat-totalita' tal-każ[1]. Inoltre, meta l-appellat xehed quddiem l-espert ma jidhirx li huwa kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli, jew tal-anqas prova li tindika dan ma hemmx fl-atti. Infatti jirriżulta li għalkemm l-appellat ittieħed l-isptar Mater Dei għax kien qed isoffri minn xokk, huwa kien rilaxxjat wara ftit tal-ħin fejn it-tobba ddikjaraw li seta' jiġi mitkellem. Jirriżulta ukoll li l-appellat kien koerenti fi ħsibijietu u xhieda ta' dan hija d-depozizzjoni li filfatt irrilaxxja li hija pjuttost dettaljata u ċara fil-ħsibijiet.

Illi, allura l-Qorti hija tal-fehma li d-depożizzjoni mogħtija mill-appellat lill-Perit Tekniku Buttigieg kienet waħda li ttieħdet skont il-liġi viġenti fiż-żmien meta ngħatat u li għalhekk għandha titqies bħala prova legalment valida. Dana qed jingħad ukoll fl-isfond ta' dak li jistipula l-Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' li dak kollu li jistqarr l-imputat bil-miktub jew bil-fomm jista' jinġieb bħala prova kontrih ġaladarba din tkun saretvolontarjament, mingħajr ma l-imputat ma jkun imġiegħel, mhedded jew imwiegħed b'xi vantaġġi. *Di piu'* din mhijiex l-unika prova li hemm fl-atti u lanqas tista' titqies illi hija determinanti ghar-risoluzzjoni tal-vertenza.

Illi, għalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma li l-Avukat Ġenerali għandu raġun parzjalment u unikament fir-rigward tad-depożizzjoni mogħtija mill-appellat lill-espert Mario Buttigieg, iżda mhux fir-rigward tal-verżjoni mogħtija minnu lil Pulizija. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment *in parte*.

---

[1] Emmanuel Spagnol vs Avukat Generali et – QK– 31/05/2023; Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija – QK– 31/05/2023, fost oħrajn.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji tal-Avukat Ġenerali jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u ser jkunu kkunsidrati flimkien. Illi, primarjament l-Avukat Ġenerali jisħaq li s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet waħda "*unsafe and unsatisfactory*" u ma setgħat qatt tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom. Jisħaq l-Avukat Ġenerali illi l-livell tal-provi milħuq mill-prosekuzzjoni f'din il-kawża kien biżżejjed sabiex iwassal għal sejbien ta' ħtija u li l-Ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Finalment, l-Avukat Ġenerali jikkontendi illi n-negliġenza kontributorja tal-vittma Boni, ma tista' bl-ebda mod teżonera lill-appellat mill-ħtija tiegħu ukoll għall-inċident.

Illi, s-sinistru stradali traġiku mertu ta' dan il-każ seħħ nhar il-5 ta' Jannar tas-sena 2016 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu, ġewwa Triq il-Labour, ġewwa n-Naxxar. Il-Pulizija mmedjatament aċċediet fuq il-post fejn hemmhekk sabu l-kadavru tal-vittma Johanna Boni fl-art mgħotti b'tila kbira. Kien hemm ukoll trakk tar-*ReadyMix* bin-numru ta' reġistrazzjoni DAF-300 startjat u pparkjat mal-ġenb man-naħa tax-xellug tat-triq, u taħtu kien hemm mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni JBV-308. Sussegwentement infetħet inkjesta maġisterjali fejn inħatru diversi esperti sabiex jassistu lill-Inkwirenti fl-istħarriġ dwar l-*in genere,* liema stħarriġ wassal għal konkluzjoni mill-Inkwirenti illi kien hemm negliġenza min-naħa taż-żewġ sewwieqa għal dan is-sinistru stradali.

Illi, l-appellat sussegwentement tressaq quddiem l-Ewwel Qorti akkużat bir-reati lilu addebitati, li finalment ġie lliberat minnhom. Illi l-inċident stradali mertu tal-każ seħħ bejn it-trukk misjuq mill-appellat u mutur misjuq mill-vittma Johanna Boni hekk kif iż-żewġ sewwieqa kienu qed jemerġu minn fuq *stop sign* fi Triq Franġisku Pisani għal fuq Triq il-Labour, in-Naxxar meta għal xi raġuni seħħ impatt bejniethom, bl-appellat ma jindunax b'dan il-fatt, tant illi l-mutur u l-vittma jinqabdu taħt it-trukk, bil-mutur jibqa' jitkaxkar sakemm it-trukk waqqaf madwar tmienja u għoxrin metru 'l isfel minn

fejn seħħ l-impatt. Illi konsegwenza ta' dan l-istess inċident, Johanna Boni tilfet ħajjitha. Illi jidher minn eżami ta'l-atti li hemm żewġ punti li jemerġu kontrastanti mill-evidenza kkumpilata u ċioe' jekk il-vittma kenitx qed issuq fuq il-lemin jew ix-xellug tat-trukk meta qalgħat minn fuq l-*istop sign* flimkien miegħu u jekk l-appellat setax jinduna bil-presenza tal-mutur meta kien qed jagħmel din il-manuvra. Fid-dawl ta' dan ix-xenarju probatorju dak li kellu jkun determinat huwa jekk l-appellat setax b'xi mod raġjonevoli jipprevjeni milli jseħħ is-sinistru u allura jekk setax jew messux induna bil-presenza tal-vittma u l-mutur tagħha biswit it-trukk minnu misjuq.

Illi l-Ewwel Qorti aċċediet fuq il-lok ta'l-inċident bil-għan li ssir rikostruzzjoni tal-event dannuż. Illi f'dan l-aċċess madanakollu jirriżulta illi kien hemm żewġ fatturi determinanti li kienu jimpinġu fuq id-dinamika tas-sinistru, li dak in-nhar tal-aċċess kienu differenti mill-jum meta seħħ l-inċident. Illi huwa inkontestat illi l-konfigurazzjoni tat-triq illum inbidlet bil-kostruzzjoni ta' *roundabout* ġdida fost oħrajn. Ukoll it-trukk tal-appellat li inġieb fuq il-post kellu xi mirja nieqsa u li t-trukk kien evidentement mgħammar bihom dak in-nhar ta'l-inċident, u dan kif jidher b'mod ċar mir-ritratti meħuda mill-espert tekniku Joseph Zammit u li huma eżebiti in atti[2]. Mhux biss iżda kemm it-trukk kif ukoll il-mutur ma kenux fil-kundizzjoni li kienu jinstabu dak in-nhar ta'l-inċident biex b'hekk għall-Ewwel Qorti l-aċċess fuq il-post ma seta' qatt iwassal għal rikostruzzjoni tal-event dannuż. Illi allura hija il-fehma ta' din il-Qorti illi it-talba tal-appellat illi jsir aċess mill-ġdid minnHa ser ikun eżerċizzju inutli billi il-provi ċirkostanzjali determinati għar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza ma humiex ser jkunu preżenti. Illi *di piu'* l-Ewwel Qorti, għal xi raġuni, straħet fuq dak li qal l-espert Mario Buttiġieg disa' snin wara waqt l-aċċess, minflok tat importanza akbar lil konklużjonijiet milħuqa b'mod ħolistiku mill-esperti maħtura fl-*in genere a tempo vergine.*

Illi allura determinati għal din il-kwistjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, kienu il-kostatazzjonijiet magħmula *in situ* mill-esperti nominati fl-inkjesta, liema kostatazzjonijiet ma jidhirx illi straħet fuqhom l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha.

---

[2] Ara ritratt Dok. JZ7, JZ8. JZ9, JZ10,

Illi, il-**Perit Tekniku AIC Mario Cassar** zamm aċċess fuq il-post tal-inċident fejn kien ġabar is-segwenti ndizji u provi ċirkostanzjali ferm determinanti:-

1) **Illi fuq il-lok tal-inċident, l-esponent sab zewġ vetturi, waħda tat-tip DAF 3300 bin-numru tar-reġistrazzjoni DAF300 li huwa *truck* tar-*readymixed concrete* tal-*Ballut Blocks* li kien misjuq minn Carmel Cauchi ID 636163m, u taħtu kien hemm mutur tat-tip *Kawazaki* bin-numru tar-reġistrazzjoni JBV 308 li kien misjuq minn Joanna Boni ID 251905m. Il-mutur kien maqbud taħt il-*front axle* tat-*truck*. L-esponent kien infurmat illi s-sewwieq tal-mutur tilfet ħajjitha.**
2) **Fid-Dok. MP1 illi huwa pjanta tal-lok fejn seħħ l-inċident l-esponent qed jindika il-*probable point* of *impact*, bejn it-*truck* u l-mutur. Madwar 10.1 metri l-isfel kien hemm id-demm. Bejn dawn iz-zewġ punti kien hemm marki tal-grif fit-tarmak, u marka kbira ta' *tyre*. It-*truck*, bil-mutur maqbud taħtu kien madwar 13.7 metri l-isfel, kif jidher fil-pjanta.**

Illi, l-espert mediko-legali **Dr Mario Scerri** kkonferma li l-vittma Boni mietet konsegwenza tal-ġrieħi estensivi minnha subiti, kaġun ta' dan l-istess inċident stradali li kienet involut fih. Minn naħa tiegħu l-espert tat-tossikoloġija **Michael Scott-Ham** ikkonferma li *"Joanna Boni was not intoxicated through alcohol when she died and there was no evidence to suggest that she had recently used any of the drugs tested for, therefore she would not have been under their influence when she died"*.

Illi l-konklużjonijiet milħuqa mill-**Espert Tekniku Joseph Zammit** kienu ukoll ferm determinanti u li l-Ewwel Qorti skartat, oltre li ukoll skartat dak li beda jsostni dan l-espert waqt l-aċċess, kuntrarjament għal dak li beda igħid l-espert Buttigie**g: -**

1. **Illi għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu tal-5 ta' Jannar 2016, seħħ inċident tat-traffiku f'Labour Avenue, in-Naxxar, ezatt quddiem il-bidu tat-triq Franġisku Pisani, fejn iz-zewġ vetturi involuti huma:**
   a. **Truck ready mix tal-marka DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni DAF-300 u**
   b. **Mutur tal-marka Kawazaki bin-numru ta' reġistrazzjoni JBV-388.**
2. **Illi, f'dan l-inċident tilfet ħajjitha fuq il-post is-sewwieqa tal-mutur Johanna Boni ta' 27 sena.**
3. **Illi, dan l-inċident seħħ hekk kif iz-zewġ vetturi kienu qed jinstaqu fi Triq Franġisku Pisani u hekk kif daħlu f'Labour Avenue biex joħorġu għal Triq fil-Mosta, hemm seħħ l-inċident in kwistjoni.**
4. **Illi, l-motorcycle tkaxkar taħt quddiem tat-trakk għal distanza ta' aktar minn 27 metru, fejn waqaf it-trakk jħares fid-direzzjoni ta' Triq il-Mosta.**
5. **Illi, is-sewwieqa tal-motorcycle intrifset u ntafġgħet taħt double wheel tat-trakk, fejn hemm tilfet ħajjitha fuq il-post.**

6. **Illi, mill-ezamijiet tekniċi li l-esponent għamel fuq iz-zewġ vetturi, sab li dawn kollox kellhom jaħdem sew, kienu road worthy u in partikolari s-sistemi tal-isteering u s-sistema tal-brejkijiet kollha nstabu jaħdmu mija fil-mija sew. It-tyres tal-vetturi kienu tajbin, għajr għal nuqqas fuq double wheel tat-trakk li kienu jinsabu lixxi, li izda dan ma kellu ebda effett fuq dan l-inċident.**
7. **Illi, għalkemm il-brejkijiet taz-zewġ vetturi nvoluti nstabu jiffunzjonaw mija fil-mija sewwa, <u>fuq il-post tal-inċident ma nstabu l-ebda mpronti ta' brake marks.</u>**
8. **Illi, l-esponent jeskludi li dan l-inċident seħħ minħabba xi ħsara fuq waħda minn dawn iz-zewġ vetturi.**
9. **Illi, l-ħsara li kellu fuq dan il-motorcycle kollha hija kompatibbli ma' l-inċident u in partikolari it-tkaxkir tal-mutur waqt li kien maqbud taħt it-trakk.**
10. **Illi, ix-xhieda tas-sewwieq tat-trakk Carmelo Cauchi u ta' xhieda oħra li raw l-inċident bdiet tinġabar mill-perit tekniku il-PL Mario Buttigieg.**
11. **Illi l-Perit Arkitett Mario Cassar għamel il-kostatazzjonjiet tiegħu fuq il-post tal-aċċess.**

Illi, fir-relazzjoni tiegħu, l-espert Zammit jgħid li l-mutur ta' Boni:

> **"...jinsab bi ħsara ta' natura konsiderevoli l-aktar fuq il-ġenb tax-xellug, bi tkaxkir fuq il-parti li tintuza bħala crash bar magħrufa bħala mushroom, li hija komposta minn materjal sintetiku, tinsab misluħa. Il-gear level jinsab mgħawweġ u dan jinsab ingranat fuq il-fifth gear. Il-foot rest tal-pillion rider tinsab imqaċta u mitfugħa taħt il-bankina, fuq in-naħa tax-xellug quddiem fejn tinstab il-vittma mgħottija. Fuq it-tank tal-petrol tinsab għafsa bit-trab ġo fiha. Il-mera tas-sewwieq tinsab imkissra, il-mutur jinsab bl-ignition position mixgħula 'on'. Fuq il-partijiet frontali tal-mutur ma tinsab l-ebda ħsara".**

Ikompli:-

> **"Il-ħsara li tinsab f'dan il-mutur hija l-aktar konnessa ma' tkaxkir fuq il-ġenb tal-lemin mat-tarmak fuq wiċċ it-triq meta kien qiegħed jitkaxkar għal distanza kbira sa taħt it-trakk fejn il-ħsara li tinsab fuq il-ġenb tax-xellug setgħat ġiet ikkaġunata minn taħt it-trakk billi fejn it-tank tal-petrol jinsab b'tagħtina minima fuqu ukoll mċapsa bit-trab li għandu mwaħħal it-trakk taħtu."**

Illi, meta l-espert Zammit sussegwentement xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti huwa spjega li:

> **"Il-gabina hija regolari pero' t-trakk huwa b'sistema left hand drive. Il-gabina kienet armata, sibtha armata bil-mirja rear view mirrors regolari kemm fuq in-naħa tax-xellug kif ukoll fuq in-naħa tal-lemin u ma sibt l-ebda ħsara fuq it-trakk għajr 2 tyres li kienu lixxi relevanti mill-inċident".**

Huwa jikkonferma li l-mirji tal-istess trakk kienu ċari – "**Ċari, t-trakk kollu kien ċar, nadif kollu, kondizzjoni perfetta**". U jkompli "**Iva seta' jara -il ġnub -il għaliex jiena għamilt it-testijiet fil-prezenza ta' l-imputat u soqtu ġo diversi toroq u kollox jidher minn quddiem sa wara**". Ikompli jisħaq li "**No kollox regolari għaliex it-testijiet l-aktar li għamilthom minħabba li huwa left hand drive u ridt inkun naf in-naħa l-oħra sew**". *In oltre*, huwa stqarr li l-*gear lever* seta' kien fuq il-*5th* minħabba it-tkaxkira li ħa l-mutur u li l-*indicators* tal-istess kienu qed jaħdmu u ma kienux qegħdin iteptpu.

Ferm sinifikanti huwa dak li jemerġi minn kostatazzjoni li jagħmel dan l-espert kif jidher mir-ritratt eżebit DokJZ10. Igħid hekk l-espert:

> **"L-esponent innota li fuq it-<u>tyre ta' quddiem tan-naħa tal-lemin</u>, instab immarkat b'tħakkik miegħu, li dan l-esponent ikkomparah mal-għoli tal-mutur u jidher li huwa simili, kif jidher sewwa fuq ir-ritratt mmarkat Dok. JZ10." (**sottolinjar tal-Qorti**)**

Ikompli:

> **"L-esponent innota wkoll li waqt li huwa kien qieghed isuq l-istess trakk, sab li waqt li jkun fuq ix-xellug fuq l-isteering, (LHD) <u>meta thares fuq il-genb tal-lemin</u>, iz-zewg mirja li hemm jinsabu armati ma' barra tal-bieba tal-gabina, fil-posizzjoni li jinsabu tista' tara il-genb kollu tal-vettura sa wara kollu inkluz in-naha ta' isfel." (**sottolinjar tal-Qorti**)**

Waqt l-aċċess miżmum mill-Ewwel Qorti, imbagħad, dan l-espert igħid illi "**il-genb kien jidher Sur Mario, il-genb kien minn quddiem sa wara tahtu kien jidher kollox. Dik il-mera li tinsab nieqsa. .... left hand drive għalhekk hu, infatti thares minn hawn lejn in-naha l-ohra jidher kollox, il-genb. Il-parti ta' isfel, kollox."**

Illi, l-istess espert xehed ukoll quddiem l-espert Dr.Alexander Scerri Herrera fejn kien ikkjarifika diversi punti dwar ir-relazzjoni minnu magħmula. L-ewwel nett jikkjarifika li meta jsemmi "*lemin*" u "*xellug*", din trid tiġi interpretata "**Daqs li kieku qiegħed fil-kabina on the left hand side għaliex it-trakk huwa left hand side u qiegħed iħares mid-direzzjoni tan-Naxxar lejn Mosta Road**". *In oltre*, dwar il-mirja tat-trakk jgħid li "**...jien sibt it-3 view mirrors tal-istess vettura kienu adjusted sabiex li kienu jagħmlu l-funzjonijiet kollha tagħhom ... tal-lemin ... li peress li huwa left hand drive allura id-driver seta' jara l-ġenb kollu minn quddiem sa wara tal-vettura u jiena sibt kollox jiffunzjona u adjustanti għal dan l-iskop...**". Jgħid li "**Il-mirja dejjem kienu suffiċjenti. Il-mirja li semmejt, it-3 li semmejt dejjem kienu**

**suffiċjenti. Ma nnutajt l-ebda difett fuq xi waħda minnhom**". Jinnega ukoll li qatt seta' kien hemm xi *blind spot* fl-istess mirja.

Illi, dwar il-brakijiet, l-espert Zammit saħaq li – "**il-brakijiet jiena sibthom illi tista' tieqaf f'distanza qasira bil-brakijiet tajbin li jiena sibt jiffunzjonaw**". Mistoqsi jekk kinitx tagħmel differenza it-tgħabiha tat-trukk sabiex jibbrekja, l-espert wieġeb fin-negattiv - "**Ma tagħmilx differenza it-tgħabiha u mhux tgħabiha, il-vettura kienet armata b'sistema ta' rear brakes li tieqaf għal distanza tant qasira**". Meta mistoqsi kemm kien ħa jdum biex jibbrekja t-trukk kieku ingħafsu l-*brakes*, huwa kien pront wieġeb "**Instantly hux, tieqaf**".

Illi, ż-zewġ rapporti, imħejjija mill-espert Mario Buttiegieg, jasslu għall-istess konklużjoni. Fl-ewwel rapport tiegħu, l-espert Buttigieg ikkonkluda illi:–

> **Illi, dan l-inċident stradali seħħ ġewwa Triq tal-Labour, Naxxar, meta Carmel Cauchi kien qed isuq ir-*Ready Mixer* tax-xogħol ta' għamla DAF mudell 300 li għandu numru tar-reġistrazzjoni DAF-300. Kien ix-xahar ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tat-tmienja (08.00hr) ta' filgħodu u skond l-evidenza li l-esponent kellu f'idu u anki meta l-esponent għamel l-aċċess, it-temp kien tajjeb u ċar u minn dak l-att il-visibilita' kienet tajba. Illi kien hemm ukoll id-dawl tax-xemx.**
>
> **Minn naħa l-oħra kien hemm ukoll għaddej mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni Kawazaki mudell ER 6N li kien misjuq minn Johanna Boni. Kemm it-trakk u anki l-mutur kienu għaddejin fl-istess direzzjoni. Illi Cauchi kien wieqaf fuq l-istop sign wara vettura oħra jistenna sabiex jidħol fit-triq prinċipali waqt li Boni kienet ġejja mill-istess direzzjoni izda kienet qed issuq fil-karreġjata ta' ġewwa. Hekk kif Cauchi ħareġ Boni ħarġet ukoll bil-konsegwenza li marret quddiem ir-Ready Mixer. Dak il-ħin il-mutur ġie taħt it-trakk bil-konsegwenza li t-tajer tat-trakk qabad kemm il-mutur u anki lil Boni u baqa' jkaxkarhom miegħu. Cauchi allegatament ma ndunax b'dak li kien seħħ sakemm sema' xi ħsejjes ta' tkaxkir u ħornijiet ta' vetturi oħra jpaqpulu. B'konsegwenza tal-inċident Johanna Boni mietet fuq il-post tal-inċident. L-iSpettur Sandra Zammit li hija l-fizzjal investigattiv minn naħa tal-Pulizija f'dan l-inċident għarfet lil Onorabbli Qorti bl-akkadut li minn naħa tagħha ordnat inkjesta u ħatret lill-esponent fosthom oħrajn bħala espert sabiex tinvestiga u jipprepara r-relazzjoni tiegħu.**
>
> **Minn dan l-inċident jirrizulta li dan l-inċident seħħ fit-T junction u għaldaqstant il-visibillita' tas-sewwiqa ma kinetx ristretta minn ebda ostakli. Illi l-esponent huwa tal-fehma li meta Boni kienet qed taqbez lil Cauchi minn ġewwa hija ma ħaditx il-prekawzjonijiet meħtieġa u ġibdet fid-dritt bil-konsegwenza li marret wisq viċin ir-Ready Mixer u daħlet quddiemu. Madanakollu jibqa' l-fatt <u>li s-sewwieq tar-Ready Mixer illi kien</u>**

> **fuq in-naħa tax-xellug seta' ra lil Boni bil-mirijiet tal-ġenb li hemm fuq in-naħa tiegħu u għaldaqstant hija l-opinjoni tal-esponent illi ma kellux a proper lookout. Illi l-inċident seħħ ezatt fejn hemm l-istop sign.**
>
> **Illi għaldaqstant l-esponent qiegħed umilment jissuġerixxi illi hemm bizzejjed elementi prima facie illi juru illi l-inċident ġie kkawzat minn negliġenza minn naħa kemm ta' Johanna Boni u kemm tas-sewwieq Carmelo Cauchi.**

Illi, fit-tieni rapport tiegħu, li sar peress li l-espert Buttigieg ġie mitlub jisma' diversi xhieda ulterjuri li setgħu jibdlulu l-ħsieb dwar il-konklużjoni milħuqa preċedentement minnu, l-istess espert zamm sod mal-konklużjonijiet minnu raġġunti fl-ewwel relazzjoni minnu magħmula:-

> **Illi, l-punt prinċipali li fuqu qiegħed jibbaza l-konkluzzjoni l-esponent huwa fejn attwalment kienet qiegħdha Boni qabel ma seħħet il-kollizzjoni. Illi l-mutur spiċċa taħt ir-Ready Mixer ċatt mal-art, mixħut fuq naħa waħda bil-handlebar tal-mutur u l-pumi tiegħu jħarsu lejn in-naħa tal-lemin tat-trakk. Illi l-mutur qatt ma nqala minn taħt it-trakk u baqa' mwaħħal sakemm l-istess trakk waqaf ma' ġenb it-triq. Dan xjentifikament jindika li l-istess mutur kien filfatt ġej minn naħa tax-xellug tat-trakk u kien qiegħed qed idur ma quddiem tal-istess trakk. Illi l-aktar ħsarat li soffra l-mutur kienu ħsarat ta' sliegħ. Illi l-mutur ma deherx li sofra ħsarat ta' brimm u ċioe' ħsarat li jsiru kieku l-mutur inqaleb taħt it-trakk. Illi ukoll irid jingħad illi anke meta sar l-ispezzjoni tat-tajers tat-trakk waqt l-aċċess irrizulta ukku fuq ir-rota ta' wara tan-naħa tal-lemin kien hemm body tissues li aktarx saru meta it-trakk tela fuq il-parti tar-ras tal-allegat vittma Johanna Boni. Dan jindika u jivverifika illi Boni kienet ġejja minn naħa tax-xellug tat-trakk u kif kienet qed tiġi milquta mir-Ready Mixer hija tgħaffġet u rasha li kienet qed tħares lejn il-lemin, ġiet mgħaffġa mir-roti tal-lemin tat-trakk. Filfatt body tissues mir-ras instabu fuq ir-rota imsemmija.**
>
> **Illi hija l-opinjoni umli tal-esponent illi skont l-evidenza kif kienet irrizultat a tempo vergine, jidher illi l-verzjoni tal-Perit Azzopardi hija iktar kredibbli u tagħmel iktar sens rigward kif seħħew il-fatti. Illi meta l-esponent għamel l-aċċess u ezamina l-lok tal-inċident hu kien ħa konjizzjoni tal-ħsarat miġjuba fuq it-trakk u l-mutur involuti u l-evidenza misjuba fuq il-lok. Illi meta l-esponent ipprepara r-relazzjoni tiegħu huwa jieħu konjizzjoni kemm tal-evidenza misjuba waqt l-aċċess u kemm ta' xhieda li jista' jkun hemm. Illi f'dan l-inċident kif isir dejjem l-esponent wasal għall-konkluzzjoni tiegħu wara illi ezamina kull evidenza illi kien hemm u kien jidher illi x-xhieda mogħtija kienet taqbel mal-fatti kif kienu jidhru.**
>
> **Illi l-fatti li ħarġu wara l-ġabra tax-xhieda ġdida ma jbiddel xejn mill-konkluzzjonijiet illi l-esponent kien wasal għaliha fir-relazzjoni tiegħu. Illi l-evidenza u x-xhieda tal-Perit Azzopardi jidhru illi jagħmlu sens illi Boni kienet ġejja minn naħa tax-xellug u daħlet taħt it-trakk għan-naħa tal-lemin.**

> **Illi għaldaqstant l-esponent ma jħossx li għandu jibdel xejn mill-ewwel konkluzzjoni li wasal għaliha fl-ewwel relazzjoni.**

Illi, meta xehed *viva voce,* Buttigieg spjega li "**... jiena kkonkludejt li għandhom jittieħdu passi kriminali kontra Cauchi fuq sempliċiment minħabba l-proper lookout. Il għala qed ngħid hekk? Għax dana meta kien wieqaf, filfatt qed jgħid li kien wieqaf u qala bil-first gear hu għandu zewġ mirjiet Sur Maġistrat, għandu waħda biex iħares fuq u l-oħra biex litteralment ikun jista' jħares isfel, jiġifieri dan f'xi ħin bilfors raha.**" Ikompli jenfazizza li li kieku l-appellat kien qed izomm *a proper lookout* kien jaraha zgur – "**Li hu bazikament hu kif qala' ġiet Boni minn naħa tax-xellug u hemmhekk seħħ l-inċident**". Jgħid ukoll li l-mutur baqa' jitkaxkar 28 metru mill-*point of contact. In oltre,* jerġa' jikkonferma li l-appellat kien messu ra lil Boni jssuq mal-ġenb tat-trukk tiegħu:-

> **"Bazikament rigward il-vista dana ma kellu l-ebda ostaklu, jiena personalment dħalt fit-trakk, rajt mill-mera li kellu li kienet litteralment qiegħda tħares l-isfel, jiġifieri għalija ma kien hemm l-ebda ostaklu minn naħa tiegħu, kieku dejjem ħares ..."**

Illi, dawn il-konklużjonijiet appena ċċitati, l-espert Buttigieg wasal għalihom wara li studja d-dinamika tal-inċident in kwistjoni u l-pozizzjoni li kienu jinsabu fihom il-vetturi involuti kif ukoll wara li sema' t-testimonjanza tax-xhieda okulari kif ukoll tal-appellat.

Illi, l-**Perit Stuart Azzopardi** li ra l-inċident iseħħ xehed quddiem l-espert Buttigieg illi:–

> **Illum fil-ħamsa ta' Jannar 2015, għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu jiena kont qed insuq il-vettura tiegħi mid-direzzjoni tax-showroom tal-Mercedes tiela' lejn il-Mosta. Kif wasalt ħdejn il-Mosta Techno Park quddiemi kien hemm vettura zgħira ta' kulur griz. Jiena lmaħt is-sewwieq tat-trakk meta kien diġa ħareġ mit-triq sekondarja. Kien ħiereġ bil-mod u kien għadu ma qabadx it-triq il-maġġura meta rajt mutur quddiem it-trakk. Ngħid li l-quddiem tat-trakk kien qed iħares lejn il-bus stop. Deher li l-motoċiklista kienet maqbuda u ma setgħetx toħroġ minn fejn kienet peress li <u>inqabdet bir-rota ta' quddiem tan-naħa tal-lemin</u> u s-sewwieq kompla għaddej fuqha bl-istess rota. Il-mutur baqa' mwaħħal fuq quddiem sakemm spiċċa taħt it-trakk. Jien minnufih bdejt inpaqpaq il-horn sakemm waqaf. Kif ħareġ mit-trakk rajt is-sewwieq ta' trakk jagħti fuq wiċċu. (sottolinjar tal-Qorti)**

Illi, meta huwa ta l-verzjoni tiegħu lill-Pulizija saħaq illi:

**"Jiena kont tiela minn ħdejn it-Technopark tiela bil-vettura tiegħi FBU683 sejjer lejn in-Naxxar u f'daqqa waħda nara truck miexi bil-mod minn naħa opposta u <u>mutur mal-faċċata tiegħu</u> quddiemu u naħseb ma ndunax bil-mutur u baqa' għaddej minn fuq il-mutur u x-xuffier tiegħu"**

Illi, ukoll meta huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, Azzopardi saħaq li:

**"Kif kien qed idur, ħarġet qisha minn maġenbu u nqabdet ... qisa ħarġet minn x-imkien u daret quddiemu bir-rota taħt inqabdet taħtu u ġiet fuq saqajha. Mal-ewwel rota imbagħad it was too late ... she was unlucky għax meta inqabdet u bdiet iddur miegħu u l-kabina hija għolja ok, hu qatt ma seta' jaraha, ezatt taħtu, tmiss miegħu kienet"**.

Huwa jikkjarifika li ma kienx jaf minn fejn ġie ezattament l-mutur u li meta rah dan kien "**minn mal-ġenb għall-quddiem**" , "**taħt in-naħa tax-xellug tal-kabina**". Huwa jisħaq li għalkemm ma kienx jafx minn fejn kien ġej il-mutur b'mod preċiz, "**jiena li niftakar qisa tħares kwazi l-istess naħa tat-trakk. Qed naqbadha qed iddur mat-trakk, kwazi qed tħares lejn l-istess angolu**".

Illi, **Mario Dingli** xhud okulari ieħor stqarr illi:

**"...fil-ħamsa (05) ta' Jannar 2016, ngħid li bħala inċident jiena ma rajtux izda x'ħin kont għaddej u rajt li kien seħħ inċident jiena waqaft. Kif waqaft bil-vettura tiegħi, tfajt il-vettura fil-ġenb u ħriġt minn ġol-vettura. Mort fejn kien seħħ l-inċident sabiex nara min kien involut fl-inċident, peress li jiena nsuq il-mutur. Kif wasalt fuq il-post il-concrete mixer kien għadu f'nofs ta' triq u rajt hemm is-sewwieq li jsuq il-mixer sakemm nqala l-mutur minn taħt il-concrete mixer. Meta nħareġ il-mutur rajt lil xi ħadd jipprova l-gearijiet u għalija l-gear kien first. Min kien qed jezamina l-mutur ma nafx min kien"**.

Meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti huwa allega li min kien qed jipprova l-*gear lever* fuq ix-xena kien qed jagħmel hekk b'mod ħazin – "**il-mutur kien first għax il-first l-isfel, second, third, forth u fifth il-mutur mhux bil-kontra**". Jgħid pero' li għalkemm kien ra din il-biċċa ma kien ġibed l-attenzjoni ta' ħadd dwar l-istess.

Illi, xhud ieħor **Paul Abela** xehed illi: –

**"...fil-ħamsa (05) ta' Jannar 2016, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs (07:30) ta' filgħodu kont għaddej fil-vettura tiegħi ta' għamla Toyota mudell Fun Cargo bin-numru ta' reġistrazzjoni ABA izda bħala numri ma nafhomx. Miegħi kien hemm il-mara tiegħi li jisimha Emily Schembri. Intant dakinhar aħna konna sejrin lejn l-Isptar Mater Dei. Jiena kont ġej minn naħa tal-Kinds Showroom u kont sejjer lejn in-naħa tan-Naxxar. Ngħid li kont ser ngħaddi minn Vjal il-Wieħed u Għoxrin (21) ta' Settembru, Naxxar biex b'hekk ikun nista mmur lejn Tal-Balal u nipparkja x'imkien ħdejn il-fabbriki, kif kont**

**tiela niftakar li kien hemm vettura oħra sewda quddiemi u rajt trakk li kien wieqaf fuq l-istop sign. Meta s-sewwieq kien qed jistenna kien hemm vetturi għaddejin fit-triq il-maġġura. Mistoqsi minn kien l-ewwel fuq l-istop sign ngħid li jiena rajt kemm lit-trakk u anki l-motoċiklist ħdejn xulxin. Il-mutur kien fuq in-naħa tal-lemin waqt li t-trakk kien fuq in-naħa tax-xellug. X'ħin it-triq kienet vojta ħarġu it-tnejn li huma bil-konsegwenza li t-trakk mess mal-mutur u l-istess mutur daħal taħt it-trakk".**

Meta huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti huwa saħaq li t-trakk kien qabad il-mutur bin-naħa tal-lemin tiegħu u li l-impatt seħħ fuq in-naħa tal-lemin - "**It-trakk mess bil-bumper ... mess il-bumper il-mutur u l-mutur dar**".

Illi, l-**appellat** ukoll ta l-verzjoni tiegħu tal-fatti taħt ġurament quddiem l-espert tekniku Buttigieg fejn saħaq:-

**Jiena kont qed insuq Ready Mix ta' għamla DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni DAF 300. Intant jien impjegat mal-kumpanija P&S li tinsab ġewwa Notabile Road, Mosta. Illum għall-ħabta tas-sebgħa (07:00hr) ta' filgħodu jiena bdejt xogħol mill-Mosta. Kont sejjer lejn il-batching plant li tinsab ġewwa n-Naxxar sabiex ngħabbi. Mill-batching plant kont sejjer lejn H'Attard. Għaldaqstant kelli ngħaddi minn Triq il-Ġdida fi Triq il-Ħtajriet. Quddiemi kien hemm erba' vetturi. Dawn kienu weqfin u jiena waqaft warajhom. Sa dak il-ħin ma kienx hemm muturi. Ħarġu l-ewwel tlett vetturi u ta' quddiemi saq u reġa' waqaf fuq l-istess stop sign. Jiena għamilt bħalu u ċioe' waqaft warajh. Meta konna weqfin jiena kont qed inħares -il fuq u l-isfel u fil-pront ta' quddiemi ħareġ. Jiena erġajt qlajt u wasalt fuq l-istop sign, erġajt ħarist -il fuq u l-isfel u kif rajt li ma kien hemm ħadd jiena qbadt u ħriġt u bdejt insuq mill-ġdid. Kif jiena ħriġt f'nofs it-triq smajt xi ħaġa titkaxkar. Għall-ewwel ħsibt li kienet xi ħsara fit-trakk u tfajt mal-ġenb u ċioe fuq in-naħa tax-xellug. <u>Kif kont għadni fit-trakk bdejt inħares lejn il-mirijiet sabiex nara jekk kienx hemm xi ħaġa warajja. Kif ħarist fil-mera tan-naħa tal-lemin rajt il-vittma mal-art</u>. Ħriġt minn ġot-trakk u hemm bdew izzomuni n-nies sabiex ma nersaqx lejn il-vittma. Wara jiena poġġejt fuq ċint fejn wara bqajt sejjer dritt lejn l-isptar peress li kont qed inbati minn xokk. Wara li ġejt ezaminat ġejt irrilaxxat. Niddikjara li jiena lill-motoċiklist qatt ma rajtha.** (sottolinjar tal-Qorti)

**Ikkunsidrat:**

Illi eżaminati dawn ir-rapporti u l-provi indizzjarji li jemerġu mill-atti abbinati ma' dak li joħroġ mid-deposizzjoni tax-xhieda okulari, l-Qorti tista' tasal sabiex tistabbilixxi d-dinamika ta' dan l-inċident stradali. Illi b'mod ewlieni l-kostatazzjonijiet magħmula kemm mill-espert il-Perit Mario Cassar kif ukoll mill-

espert mekkaniku Zammit abbinat max-xiehda tax-xhud Paul Abela joffru xenarju kuntrarju għal dak li tikkonkludi l-Ewwel Qorti u għal dak li jikkonkludi ukoll l-espert Buttigieg, u dan għaliex jidher illi l-vittma kienet wieqfa fuq l-*istop sign* biswit it-trukk fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, u mhux ħarġet minn naħa tax-xellug, kif jikkonkludi Buttigieg. Fil-mument illi t-traffiku fuq Triq il-Labour, in-Naxxar ippermetta, kemm l-appellat li kien qed isuq it-trukk, kif ukoll il-vittma bil-mutur tagħha emerġew minn fuq l-*istop sign* u daru għal fuq Triq il-Labour. Illi f'dan il-mument meta kienu it-tnejn qed jiksru il-mutur ħakk mar-rota tan-naħa tal-lemin tat-trukk. Hawnhekk l-vittma tilfet il-bilanċ, waqgħet mil-mutur, u t-trukk għadda minn fuqhom, bil-mutur jibqa' imwaħħal taħt it-trukk li baqa' jitkaxkar sakemm l-appellat irrealiżża li kien seħħ l-inċident minn sewwieqa oħra li bdew ipaqpulu u jaghmlulu sinjal biex jieqaf. Illi din il-verżjoni tal-fatti hija imsaħħa mis-segwenti indizji fuq il-lok ta'l-inċident u mill-provi:-

1. Illi l-Perit Mario Cassar jistabbilixxi illi l-*probable point of contact* bejn il-mutur u it-trukk seħħ fuq in-naħa tal-lemin tat-triq u allura huwa mpossibbli illi l-mutur ġie minn naħa tax-xellug tat-trukk. Dan jidher sew kemm fil-pjanti redatti mill-Perit Cassar kif ukoll mir-ritratti minnu meħuda senjatament mir-ritratt a fol.22 tal-proċess verbal. Illi mill-*ispot of impact* sal-ewwel sinjal jew traċċa ta' demm hemm id-distanza ta' 10.1 metri fejn hemm sinjali ta' grif fuq it-*tarmac* u sinjal ta' *tyre*, liema traċċa ta' demm ukoll qiegħda fuq in-naħa tal-lemin iktar lejn in-nofs tat-triq. Minn hawn imbagħad hemm marki oħra ta' grif fuq it-tarmac tul ta' 13.7 metri sal-post fejn finalment waqaf it-trukk bil-mutur taħtu.
2. Illi mbagħad l-espert Joseph Zammit jindika dak li jiddeskrivi bħala tħakkik fuq ir-rota ta' quddiem tal-lemin tat-trukk, liema marki jaqqblu eżatt mal-għoli tal-mutur. Din il-marka tidher ċara fuq ir-ritratt meħud mill-espert u immarkata bħala Dokument JZ10.
3. Imbagħad ix-xhud Paul Abela stess igħid ċar u tond, u il-Qorti ma għandha ebda raġuni tiddubita minn din il-verżjoni tiegħu, illi kemm lit-trukk kif ukoll lil mutur rahom it-tnejn ħerġin minn fuq l-*istop sign* qabel seħħ l-impatt. Jinsisti illi l-mutur kien ħiereġ fuq in-naħa tal-lemin tat-trukk u mhux mix-xellug kif jikkonkludi l-espert Buttigieg.

Illi għalkemm ix-xhud il-Perit Stuart Azzopardi, minn naħa l-oħra, jasal għal konklużjoni illi ra l-mutur jilwi mal-ġenb tat-trukk fuq in-naħa tax-xellug tiegħu qabel imbaram u waqa', madanakollu huwa igħid illi il-mutur qatt ma rah qabel il-mument meta dan spiċċa nqabad mit-trukk u dan investih. Josserva biss it-trukk, u f'daqqa waħda igħid li ra il-mutur jaqa' taħtu u igħaffġu. Din il-verżjoni ukoll ma hijiex sostnuta mill-provi indizzjarji li hemm fl-atti, kif ingħad, senjatament mill-*ispot of impact* indikat mill-esperti u li nstab fuq ix-xena, għaliex li kieku il-vittma ħabtet mat-trukk fuq in-naħa tax-xellug tiegħu, kien ifisser illi it-trukk kien qed jinstaq fuq il-karreġġjata tat-traffiku tan-naħa l-opposta tat-triq, fatt li ma jirriżultax mill-provi. Mhux biss, iżda għalkemm Azzopardi jgħid li jidhirlu li dak in-nhar kienet għamlet ix-xita, lanqas dan il-fatt ma hu sostnut mill-konkluzjonijiet ta'l-esperti u anke mir-ritratti eżebiti minn fejn jirriżulta illi kienet ġurnata bnazzi u li t-triq kienet niexfa għaliex dak in-nhar ma għamlitx xita. Ix-xhud Paul Abela minn naħa l-oħra iktar kellu viżwali tajba għaliex kien tiela' proprju quddiem l-inkroċju minn fejn emerġew kemm it-trukk kif ukoll il-mutur, u kien skjett u ċar fix-xiehda tiegħu meta j sostni illi qabel l-impatt kien ra kemm lit-trukk kif ukoll lil mutur jemerġu minn fuq l-*istop sign* ta' Triq Franġisk Pisani. U allura il-Qorti ma tistax tifhem kif l-espert Buttigieg għoġbu joqgħod fuq il-verżjoni ta' Azzopardi u jiskarta dik ta' Abela.

Imbagħad hemm fatturi oħra li ikkontribwew għal fatalita' tal-inċident. Ibda biex it-trukk misjuq mill-appellat kien LHD[3] biex b'hekk kien aktar diffiċli għalih li jilmaħ lill-vittma fuq in-naħa tal-lemin tat-trukk wieqfa ħdejh. Illi għalkemm kien qed isuq vettura LHD madanakollu ma jidhirx illi l-appellat applika kawtela akbar fis-sewqan tiegħu billi ħa kont ta' dak kollu li kien qed jiġri fil-madwar tiegħu mill-mirja ippożizzjonati fit-trukk li kienu jagħtuh viżwali tajba ħafna ta' dak kollu li kien hemm mal-ġenb tat-trukk kemm fuq in-naħa tax-xellug, u iktar u iktar, in-naħa tal-lemin tiegħu, kif ukoll in-naħa ta' isfel tiegħu jew taħtu. Illi meta emerġa minn fuq l-*istop sign* huwa kien injar għal kollox illi biswit it-trukk kien hemm il-mutur (u dan qed jingħad kemm jekk il-mutur kien fuq in-naħa tal-lemin, kif ukoll fuq in-naħa tax-xellug tiegħu) u spiċċa laqtu.

---

[3] *Left hand drive*

Illi dan magħdud, madanakollu huwa ukoll minnu illi l-vittma ikkontribwiet għas-sinistru meta ħarġet minn fuq l-*istop sign* flimkien mat-trukk bl-intenzjoni li tissorpassah, mingħajr ma ħadet kont ta' dan l-ostakolu li kien hemm ħdejha li allura għamel il-manuvra tagħha perikoluża, tant illi l-Qorti temmen illi kemm l-appellat li ma ħax kont tal-mutur li kien ħdejh meta ħareġ għal ġo triq maġġuri, kif ukoll il-vittma li għamlet manuvra ta' sorpass f'inkroċju ta' traffiku fi triq traffikuża minflok stenniet sakemm it-trukk iddritta, u mbagħad meta kienet ċerta li setgħat tagħmel din il-manuvra, isorpassatu, ikkontribwew għal din il-fatalita'. Madankollu ma jistax jingħad illi l-appellat ma kienx traskurat fis-sewqan tiegħu iktar u iktar meta kien qed isuq trukk kbir u mgħobbi li jagħmel ħsejjes kbar tant illi huwa diffiċli iktar tisma' il-ħsejjes tat-traffiku tal-madwar, u ukoll kien qed isuq trukk LHD, u għalhekk kellu jżomm attenzjoni ikbar meta qed isuq fuq in-naħa l-oħra tal-konfigurazzjoni tat-traffiku f'Malta fejn it-toroq huma RHD[4]. Tant ma kienx attent l-appellat fis-sewqan tiegħu illi, ħarġet minn fejn ħarġet il-vittma, kemm jekk minn naħa tal-lemin jew minn naħa tax-xellug, illi lanqas biss induna li kien tajjar persuna u *di piu* li kellu mutur maqbud taħt it-trukk tiegħu, tant illi kellhom jkunu utenti oħra tat-triq li ġibdulu l-attenzjoni għal dan il-fatt traġiku. It-trukk fil-fatt waqaf xejn anqas minn 28 metru 'il bogħod mill-*ispot of impact*.

**Ikkunsidrat:**

Illi, esposti dawn il-fatti probatorji allura l-appellat ma jistax jeżonera ruħu mir-responsabbilta' penali u l-Ewwel Qorti errat meta ikkonkludiet illi l-appellat ma seta' qatt jinduna bil-presenza tal-vittma fit-triq, għaliex dan mhuwiex minnu. L-appellat mhux biss kellu jipprevedi dawn l-ostakoli fit-triq iżda seta' jipprevjeni ukoll l-inċident li kieku żamm attenzjoni għal dak li kien qed jiġri madwaru fit-triq.

Illi, għalkemm il-leġislatur naqas milli jagħti spjegazzjoni tat-termini "*nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni*", madanakollu l-Qrati tagħna dejjem interpretaw dawn it-termini bħala nuqqas ta' attenzjoni u ta' teħid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'ċirkostanza partikolari. Il-kompjant Sir Anthony Mamo, fin-Noti tiegħu, jistipula illi għalkemm il-

[4] *Right hand drive*

leġislatur jonqos milli jagħti definizzjoni ta' dawn it-termini pero' "***it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances***." Il-Professur Mamo jkompli jsostni li "***the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen***"[5].

Illi, din hija t-tezi li dejjem ġiet aċċettata mill-Qrati tagħna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Richard Grech"[6] liema sentenza hija ċċitata mill-Ewwel Qorti, kien deċiz li l-kunċett ta' traskuraġni jimplika "**certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali**."

Illi, l-Archbold fil-parti fejn jitkellem dwar "*Causing Death by Careless, or Inconsiderate Driving*" jgħid hekk –

***The elements of this offence that the prosecution must prove are that:***

- ***the defendant was the driver;***
- ***the vehicle was being driven;***
- ***the vehicle was a mechanically propelled vehicle;***
- ***the vehicle was being driven on a road or other public place;***
- ***the vehicle was being driven without due care and attention; or***
- ***the vehicle was being driven without reasonable consideration for other persons using the road or place;***
- ***the death of another person is caused by that driving.***

Illi, huwa prinċipju ben stabbilit li sewwieq għandu l-obbligu li jzomm l-hekk imsejjaħ "*proper look out*". Ġie ritenut diversi drabi li:

> "**Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.**"[7]

[5] Lectures in Criminal Law, Volume 1.
[6] Deċiza nhar il-21 ta' Marzu, 1996 per Onor. Imħallef V. DeGaetano.
[7] "Il-Pulizija vs Roderick Debattista", deċiza nhar is-26 ta' Mejju, 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li, "**... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x' aktarx li ma kinitx issehh f' dak il-grad li effettivement sehhet...**"[8]. Illi huwa biss meta jkun stabbilit illi anke li kieku is-sewwieq żamm 'l hekk imsejjaħ '*proper lookout*' xorta waħda kien iseħħ l-incident, dan jeżonerah mir-responabbilta' penali billi allura ikun jista' jiġi stabbilit illi l-inċident ma kienx wieħed prevedibbli.

Illi, d-definizzjoni tal-*culpa*, għalhekk jibqa' dejjem li l-elementi tagħha huma l-volontarjeta' ta' l-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibbilita' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, ħlief b'diliġenza straordinarja li l-liġi ma tesiġix u li *semmai* tista' ġġib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx ħtija[9].

Illi, il-Professur Anthony J.Mamo, fin-noti tiegħu, jgħid hekk –

> ***In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable.***

Illi, l-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita' ta' l-azzjoni meta iqis illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta' l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuż ma kienx wieħed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuż ma jseħħx –

> ***Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti:***
>
> ***(a) la violazione di una regola;***
> ***(b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.***

[8] Deċiża nhar is-6 ta' Ġunju, 2003 per Onor. Imħallef V. DeGaetano.
[9] *Vide* "Il-Pulizija vs John Vella", deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.

> ***In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva.***

Illi, awturi oħra bħal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta' l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-*culpa* fil-fehma tagħhom tinkwadra ruhha f'erba elementi -

1. ***un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;***
2. ***un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;***
3. ***l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;***
4. ***la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.***

Illi, dak illi għandu jiġi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wieħed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emerġenza subitanea, tant għalhekk illi l-event dannuż ma seta' qatt jiġi evitat anke jekk bl-eżerċizzju għoli ta' diliġenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imġieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bħal din ċertament teskludi kull forma ta' negliġenza, imprudenza, traskuraġini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li jfassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.

Illi, magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt u ġurisprudenza in materja u abbinati mill-provi li jemerġu mill-atti huwa indubitat illi s-sewqan tal-appellat kien jaqa' 'il bogħod minn dak mistenni minnu u li eżerċita għalhekk nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tant illi ma jistax jingħad illi ma kienx hemm ness ta' kawzalita` bejn l-aġir tiegħu u l-akkadut dannuż involontarju. Illi għalkemm anke il-vittma setgħet ikkontribwiet għal dan l-event dannuż, kif ingħad, meta emerġiet minn fuq l-*istop sign* fl-istess ħin mat-trukk bl-intenzjoni li tisorpassah mingħajr ma waqqfet tistennieh joħroġ u jidritta qabel ma tagħmel din il-manuvra ta' sorpass biex b'hekk spiċċat saqet wisq viċin it-trukk tal-appellat tant illi l-mutur hakk mat-trukk u spiċċa jitkaxkar taħtu, huwa indubitat madanakollu, kif ingħad, li l-appellat ma ħax il-prekawzjonijiet meħtieġa tant illi għalkemm seta' jinduna bil-presenza tal-mutur biswit tiegħu qabel ħareġ għal fuq it-triq maġġuri, iżda kien aljenat jara t-traffiku li kien għaddejja fit-triq prinċipali sabiex

ikun jista' jemerġi minn fuq l-*istop sign*, ħares quddiemu biss u mhux ukoll mal madwar kollu tiegħu, kif kien fid-dmir illi jagħmel. Jerġa' jingħad, din in-non-kuranza temerġi ċar u tond mill-mument li seħħ l-impatt, għaliex l-appellat lanqas biss induna li kien għaffeġ mutur u persuna u fuq kollox li l-mutur baqa' jitkaxkar taħtu u saq għal distanza konsiderevoli qabel irrealiżża dak li kien seħħ. Li kieku nduna tempestivament kien jieqaf bil-konsegwenzi tas-sinistru x'aktarx kienu ikunu ferm anqas gravi.

Dwar ir-relazzjonijiet tal-esperti maħtura, kif huwa ritenut kostantament, huwa rimess fil-ġudizzju aħħari ta' min hu imsejjaħ biex jiġġudika li jiżen il-konklużjonijiet tal-esperti nominati, bis-setgħa illi l-istess jistgħu mill-Qorti jiġu imwarrba u dan kif hemm imfassal fl-Artikolu 656 tal-Kodiċi Kriminali meta hemm dispost illi "**min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu**." Madanakollu –

> **Huwa ben risaput illi f'materja ta' prova peritali, l-insenjament ġurisprudenzjali huwa fis-sens li, għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant bħal kull prova oħra u li l-Qorti mhijiex tenuta li taddotta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha, jibqa l-fatt li l-Qorti m'għandiex tiskarta l-konklużjonijiet tal-esperti tekniċi, speċjalment fuq materja purament teknika, b'mod leġġer jew kapriċċjuz, u kwalsiasi ġudizzju li jmur kontra l-konklużjonijiet peritali għandu jkun motivat sewwa.**[10]

Illi, minn eżami tas-sentenza mpunjata, jirriżulta kjarament li l-Ewwel Qorti straħet parzjalment fuq dak mistqarr mill-esperti maħtura, għalkemm ma tindika ebda mottiv li wassalha titbiegħed mill-fehma tagħhom u ċioe' li l-appellat ma kienx qed iżżomm *a proper lookout* dakinhar tal-inċident *de quo*. Fuq kollox injorat il-konklużjonijiet ta'l-espert mekkaniku Zammit u tal-Perit Mario Cassar li stabbilew x'kienu dawk il-provi indizzjarji li kienet qed tippreżenta ix-xena tas-sinistru, u straħet unikament fuq dak mistqarr mill-espert Buttigieg tmien snin wara meta dan iddeċieda jitbiegħed mill-konklużjonijiet li wasal għalihom hu stess *a tempo vergine*, konkluzjonijiet li ma kenux sostnuti bil-provi u allura li ma kellhomx iwassluh sabiex igħid, wara diversi snin, illi għall-appellat ma kienx possibbli jara lill-vittma qabel l-inċident u dan meta hemm

[10] Roseanne Galea u John David Galea vs L-Avukat Ġenerali u L-Kummissarju tal-Pulizija, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Frar 2017 (rikors nru. 30/15MCH).

xhud okulari li avvista lill-mutur biswitu qabel seħħ l-impatt u li għal xi raġuni l-espert iddeċieda li dak li ra dan ix-xhud ma kellux jkun emmnut.

Illi, huwa fatt inkontestat it-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni DAF-300 li kien qed isuq l-appellat dak il-ħin li seħħ l-inċident in dizamina, kien jiffunzjona perfettament mingħajr ebda difett mekkaniku u li kellu il-mirja installati sabiex huwa seta' josserva dak li qed jiġri fid-dintorni tiegħu, bil-funzjonijiet tal-*brake* jaħdmu perfettament u li kien għalhekk possibbli għalih jieqaf tempestivament mal-impatt. Huwa fatt inkontestat ukoll li fl-ebda mument l-appellat ma nduna li kienet seħħet kollizjoni. Kien biss wara li sema' ħoss stramb jemani mit-trakk tiegħu u sema' l-ħornijiet ta' vetturi oħra li waqaf, niżel mit-trukk u sab il-mutur imwaħħal taħt it-trukk u meta ħares lura ra l-kadavru ta' Boni u rrealiżża li kien investieha.

Illi, l-Qorti abbażi tal-provi prodotti, hija tal-fehma, kuntrarjament għal dak mistqarr mill-Ewwel Qorti, illi l-appellat ma żammx dik l-attenzjoni meħtieġa minn kull sewwieq, speċjalment minn sewwieq ta' trukk għoli illi fis-sewqan tiegħu għandu jżomm fil-mira tiegħu mhux biss dak kollu li qed iseħħ quddiemu warajh u fil-viċinanzi tiegħu, iżda ukoll taħtu. Illi mbagħad, abbinat ma' dawn il-fatturi, l-appellat kien qed isuq trukk *left hand drive* u allura li huwa installat kontra is-sewqan regolamentari f' Malta fejn il-vetturi jsuqu  fuq il-lemin tat-triq. Dan ifisser illi l-appellat kellu jżomm livell ogħla ta' attenzjoni u diliġenza meta kien qed isuq it-trukk fit-toroq ta' Malta fejn il-maġġior parti tal-vetturi huma bir-*right hand drive*. Ġie stabbilit ukoll li filfatt tali trakk kien armat b'aktar mirja minn vettura normali u li l-appellat allura kellu jkun f'pozizzjoni jara minn quddiem sa wara tal-vettura tiegħu miz-zewġ naħat. Ġie stabbilit ukoll li l-istess mirja kienu fil-pozizzjoni t-tajba, kienu ċari u ma kellhom l-ebda *blind spot* li seta' wassal lil Cauchi ma jarax il-mutur maġenb it-trakk. Illi Cauchi, madanakollu, jisħaq li lil Boni u lill-mutur tagħha qatt ma rahom qabel l-impatt u dan għalkemm huwa kien wieqaf fuq l-i*stop sign* – ħaġa li skond l-esperti maħtura fl-inkjesta kienet kważi mpossibbli li tiġri kieku verament kien ħares lejn il-mirja tat-trukk. Huwa evidenti illi Cauchi kien iffukkat iħares 'il quddiem fit-triq li kien hemm quddiemu sabiex jintenta joħrog mit-triq sekondarja għal dik prinċipali u minħabba f'hekk x'aktarx naqas milli jħares mal-ġnub tat-trukk u josserva

jekk kienx hemm xi traffiku ieħor, jew utenti oħra tat-triq f'dawk in-naħat. Kieku għamel hekk kien ċertament jara li kien hemm mutur biswitu u kien jemerġi minn fuq l-*istop sign* b'iktar kawtela. B'dan il-mod, l-inċident seta' jew ikun evitat għal kollox jew seta' kellu konsegwenzi inqas serji milli kellu, u dan għaliex kieku mill-mirja Cauchi ra lil Boni tintlaqat, kien jagħfas il-*brakes*, it-trakk kien jieqaf malewwel u Boni ma kinitx tinqabad fir-roti tal-istess, titgħaffeġ taħthom bil-mutur ikompli jitkaxkar taħt it-trukk għal tul ta' 28 metru. Għalhekk, għalkemm huwa indubitat illi Johanna Boni poġġiet ruħha f'sitwazzjoni ta' periklu bil-manuvra li għamlet, madanakollu l-appellat ma jistax jeżimi ruħu mir-responsabbilta' penali billi l-inosservanza tar-regoli tal-komportament mistennija minnu fis-sitwazzjoni tat-traffiku kif preżentat lilu f'dak il-mument, fil-fehma ta' din il-Qorti, ikkontribwixxa għal dan l-event dannuż, li ċertament ma jistax jaqa' fir-relm tal-każ fortwit hekk kif ġie spjegat aktar 'il fuq. Għaldaqstant, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta għaddiet sabiex tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Minn naħa l-oħra meta tiġi għal kalibrazzjoni tal-piena il-Qorti ma tistax ma tieħux kont tan-negliġenza kontributorja tal-vittma għas-sinistru.

Għaldaqstant, dina l-Qorti issib li s-sentenza mpunjata ma kinitx waħda li tista' titqies bħala "*safe and satisfactory*" u għalhekk l-aggravji rimanenti tal-Avukat Ġenerali jistħoqqilhom akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, wara li rat l-Artikoli 17(b),(h), 225, 328(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1)(a)(b) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta tiddikjara lill-appellat Carmel Cauchi ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal perijodu ta' sitt xhur priġunerija, liema perijodu ta' priġunerija, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed jiġi sospiż għal żmien sena mil-lum.** ***In oltre*****, il-Qorti qegħdha tiskwalifika lill-appellat Carmel Cauchi milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' tlett xhur dekoribbli mil-lum, u dana ai termini ta'l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Finalment, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi**

**Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-appellat Carmel Cauchi sabiex iħallas l-ammont ta' elfejn, mija u sbatax -il Ewro u tnejn u tmenin ċentezmu (€2,117.82) rappreżentanti nofs l-ispejjeż peritali inkorsi[11] f'dawn il-proceduri.**

**Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[11] Perit Mario Cassar €893.13, PL Mario Buttigieg €481.91 & €458.31, Dr Mario Scerri & Dr Michael Scot-Ham €694.90, Profs. MT Camilleri Podesta' & Dr Ali Salfraz €645.15, PC 1362 Jonas-Pavel Schembri €264.67, Mr Joseph Zammit €657.26, Dr Alexander Scerri Herrera €140.30.